KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
tal-5 ta' Mejju 2022[1]

Kawża C-61/21

JP
vs
Ministre de la Transition écologique,
Premier ministre

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour administrative d'appel de Versailles (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Versailles, Franza))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ċirkostanti – Valuri limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem – Qbiż – Pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja – Responsabbiltà tal-Istat – Dritt għal individwu li jikseb kumpens għad-danni għas-saħħa li jirriżultaw minn ksur tad-dritt tal-Unjoni – Ksur serju – Rabta kawżali diretta – Data tal-evalwazzjoni tal-ksur"

I. Introduzzjoni

1. Il-valuri limitu ambizzjużi għall-kwalità tal-arja ċirkostanti, previsti mid-Direttiva 2008/50/KE[2], (għadhom?) ma humiex osservati b'mod suffiċjenti f'diversi postijiet[3]. Madankollu, deċiżjonijiet importanti f'dan il-qasam għadhom pendenti fl-2022. Fuq livell politiku, il-Kummissjoni qiegħda tippjana proposti għal reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ[4]. Fl-istess ħin, hemm pendenti proċeduri differenti, li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiċċara kwistjonijiet importanti dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Minbarra talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-importanza tad-Direttiva fuq l-awtorizzazzjoni tal-proġetti[5] u l-ewwel

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1), fil-verżjoni tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1480 tat-28 ta' Awwissu 2015 (ĠU 2015, L 226, p. 4).

3 Ara, dwar il-post ta' residenza tar-rikorrent, is-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limitu għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900), u tat-28 ta' April 2022, Il-Kummissjoni vs Franza (Valuri limitu – PM_{10}) (C-286/21, mhux ippubblikata, EU:C:2022:319), b'mod partikolari s-sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267), tat-30 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (Qbiż tal-valuri limitu għall- PM_{10}) (C-638/18, mhux ippubblikata, EU:C:2020:334), tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu - PM_{10}) (C-644/18, EU:C:2020:895), tat-3 ta' Frar 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Valuri limitu – PM_{10}) (C-637/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:92), u tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu – NO2) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437).

4 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12677-Luftqualitat-Uberarbeitung-der-EU-Vorschriften_de, aċċessat fil-25 ta' Frar 2022.

5 Kawża C-375/21, Sdruzhenie "Za Zemyata — dostap do pravosadie" *et* (ĠU 2021, C 401, p. 2).

proċedura ta' pagamenti ta' penalità sabiex tiġi imposta kundanna għal ksur tad-Direttiva [6], din il-proċedura tqajjem il-kwistjoni dwar jekk l-individwi jistgħux jitolbu kumpens għad-dannu għas-saħħa li jirriżulta mill-ksur tal-valuri limitu.

2. Il-qofol ta' din il-proċedura huwa l-ewwel kundizzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istati Membri għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dik dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50 jagħtux drittijiet lill-individwi. Barra minn hekk, għandhom jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet li fihom ksur eventwali tad-direttiva huwa suffiċjentement serju, kif ukoll il-prova ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur u d-dannu, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata indikazzjonijiet dwar it-terminu rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ksur.

II. Il-kuntest ġuridiku

3. Fiż-żmien rilevanti fil-kawża prinċipali, ir-regoli dwar il-kwalità tal-arja kienu jinsabu inizjalment fid-Direttivi 96/62 [7] u 1999/30 [8], li daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2010 u li ġew issostitwiti permezz tad-Direttiva 2008/50.

A. Id-Direttiva 96/62

4. Skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/62, din kienet intiża li tiddefinixxi l-prinċipji ta' strateġija komuni bil-għan li "tiddefinixxi u tistabbilixxi għanijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent [fl-Unjoni] bil-ħsieb li jiġu evitati, prevenuti jew jitnaqqsu l-effetti ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu kemm hu". Dan jirriżulta wkoll mill-premessa 2.

5. L-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 96/62 jiddefinixxi l-kunċett ta' "valur limitu" bħala "livell fiss fuq il-bażi tal-konoxxenza xjentifika, bil-għan li jkunu evitati, prevenuti jew jitnaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent kollu, li għandu jintlaħaq f'perijodu partikolari u ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq".

6. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/62 kien jinkludi r-rekwiżiti ġenerali dwar it-titjib tal-kwalità tal-arja:

"(1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonfomaw ma' din id-Direttiva qabel it-18 ta' Settembru 1992.

(2) Miżuri meħuda biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom:

a) iqisu approċ integrat għall-protezzjoni ta' l-arja, l-ima [l-ilma] u l-ħamrija;

b) ma jiksrux il-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;

(ċ) ma jkollhomx effetti ħżiena b'mod sinifikanti fuq l-ambjent fl-Istati membri l-oħra.

6 Kawża C-174/21, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (ĠU 2021, C 206, p. 18).

7 Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 15, Vol. 3, p. 95).

8 Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 164).

(3) L-Istati Membri għandhom ifasslu pjani għall-azzjoni li jindikaw il-miżuri li sa jittieħdu fuq medda qasira meta jkun hemm riskju li l-għetiebi [il-valuri] limitu u/jew ta' twissija jkunu sa jinqabżu, biex jitnaqqas dak ir-riskju u biex jiġi limitat it-tul ta' żmien ta' dik l-okkorrenza. Dawn il-pjani jistgħu, filwaqt li jiddependi fuq il-każi individwali, jipprovdu għal miżuri biex jikkontrollaw, u fejn ikun meħtieġ, jissospendu attivitajiet, inkluż it-traffiku tal-vetturi bil-mutur, li jikkontribwixxu biex il-valuri limiti jinqabżu".

7. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62 kien jikkonċerna ż-żoni li fihom jinqabżu il-valuri limitu:

"(1) L-Istati Membri għandhom jagħmlu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' inkwinant wieħed jew aktar minn wieħed ikunu ogħla mill-valur limitu miżjud bil-marġini tat-tolleranza.

Meta ebda marġini ta' tolleranza ma jkun ġie ffissat għal inkwinant, żoni jew agglomerazzjonijiet speċifiċi li fihom il-livell ta' l-inkwinant jeċċedi l-valur limitu għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu, u l-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom jgħoddu għalihom.

[…]

(3) Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li pjan jew programm jitħejja jew jiġi implimentant biex jintlaħaq il-valur limitu fil-limitu ta' żmien speċifikat.

Il-pjan jew il-programm imsemmi, li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, għandu jħaddan fih talanqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV.

(4) Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, meta l-livell ta' iżjed minn inkwinant wieħed ikun ogħla mil-valuri limitu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu pjan integrat li jkopri l-inkwinanti kollha konċernati.

[…]"

8. Skont it-tnax-il premessa tad-Direttiva 96/62, din id-dispożizzjoni kienet intiża wkoll sabiex tipproteġi s-saħħa u l-ambjent kollu kemm hu.

9. L-Artikolu 11(1)(a)(iii) tad-Direttiva 96/62 kien jipprovdi terminu għat-trasmissjoni tal-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 8:

"[F]iż-żoni msemmija fl-Artikolu 8(1) għandhom:

(iii) jibagħtu lill-Kummissjoni l-pjani u l-programmi msemmija fl-Artikolu 8(3) mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tas-sena li fiha l-livelli jkunu ġew osservati".

10. L-Anness IV tad-Direttiva 96/62 kien jipprevedi li l-pjanijiet jew il-programmi sabiex jintlaħqu l-valuri limitu kellhom jinkludu b'mod partikolari data dwar il-kawżi tat-tniġġis u l-previżjonijiet *ratione temporis* dwar it-titjib tal-kwalità tal-arja minħabba l-miżuri meħuda:

"1. Il-lokalizzazzjoni tat-tniġġis żejjed

– reġjun

– belt (mappa)

– l-istazzjoni tat-tikjil (mappa, koordinati ġeografiċi).

2. Informazzjoni ġenerali

– tip ta' żona (belt, żona industrijali jew rurali)

– stima taż-żona mniġġsa (Km2) u l-popolazzjoni esposta għat-tniġġis

– data meħtieġa dwar il-klima

– data relevanti dwar it-topografija

– informazzjoni suffiċjenti rigward it-tip ta' bersalli li jeħtieġu l-protezzjoni fiż-żona.

[…]

4. In-naura [natura] u l-valutazzjoni tat-tniġġis

– il-konċentrazzjonijiet osservati matul is-snin preċedenti (qabel l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' titjib)

– konċentrazzjonijiet imkejla mill-bidu tal-proġett

– tekniki użati għall-valutazzjoni.

5. Oriġini tat-tniġġis

– lista tas-sorsi prinċipali ta' l-emissjoni responsabbli għat-tniġġis (mappa)

– it-total tal-kwantità ta' l-emissjonijiet minn dawn is-sorsi (tunnellati metriċi/sena)

– informazzjoni dwar tniġġis importat minn reġjuni oħra.

6. Analiżi tas-sitwazzjoni

– dettalji ta' dawk il-fatturi responsabbli għall-eċċess (trasport, inkluż it-trasport trans-konfinanti, formazzjoni)

– dettalji dwar il-miżuri possibli għat-titjib tfil-kwalità ta' l-arja.

7. Dettalji dwar dawk il-miżuri jew il-proġetti għal titjib li eżistew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva i.e.

– miżuri lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali

– effetti osservati ta' dawn il-miżuri.

8. Dettalji ta' dawk il-miżuri jew il-proġetti adottati bl-iskop li jnaqqsu t-tniġġis wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

   – elenkar u deskrizzjoni tal-miżuri kollha deskritti fil-proġett

   – skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni

   – kalkolu tat-titjib fil-kwalità ta' l-arja ppjanat u taż-żmien li wieħed jistenna li jkun meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

9. Dettalji dwar il-miżuri u l-proġetti ppjanati jew li qegħdin jiġu riċerkati fuq medda twila.

[…]"

B. Id-Direttiva 1999/30

11. Id-Direttiva 1999/30 kienet tistabbilixxi l-valuri limitu u l-limiti ta' twissija neċessarji għall-applikazzjoni tad-Direttiva 96/62 tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-partiċelli u ċ-ċomb fl-arja ambjentali. L-imsemmi Artikolu 1 jikkonferma li din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tevita, tipprevjeni jew tnaqqas l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu kemm hu.

12. Għad-diossidu tan-nitroġenu (NO_2), il-valuri limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem previsti fl-Artikolu 4 u fit-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 1999/30 kienu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2010. L-ewwel, il-valur limitu għal kull siegħa ta' 200 µg/m^3 ta' diossidu tan-nitroġenu ma setax jinqabeż iktar minn 18-il darba kull sena kalendarja. It-tieni, il-valur limitu annwali ġie stabbilit għal 40 µg/m^3.

13. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' partiċelli (PM_{10}) il-valuri limiti ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem previsti fl-Artikolu 5 u fil-Fażi 1 tat-Taqsima I tal-Anness III tad-Direttiva 1999/30 kienu diġà applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005. Il-valur limitu fis-siegħa ta' 50 µg/m^3 ta' PM_{10} għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ma kellux jinqabeż iktar minn 35 darba fis-sena. Il-valur limitu annwali ġie stabbilit għal 40 µg/m^3 ta' PM_{10}.

C. Id-Direttiva 2008/50

14. L-ewwel żewġ premessi tad-Direttiva 2008/50 jiddeskrivu l-għanijiet ġenerali tagħha:

"(1) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent (...) jistabbilixxi l-ħtieġa li t-tniġġis jitnaqqas għal livelli li jimminimizzaw l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bnedmin, waqt li tingħata attenzjoni partikolari lil popolazzjonijiet sensittivi, u lill-ambjent kollu, li jitjiebu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja inkluża d-depożizzjoni ta' sustanzi li jniġġsu [inkwinanti] u li tingħata informazzjoni lill-pubbliku.

(2) Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu jiġu miġġielda f'ras il-għajn u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-iktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Komunitarju. Għalhekk, għandhom jiġu evitati, impeduti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta'

sustanzi li jniġġsu fl-arja u li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti objettivi adegwati għall-kwalità ta' l-arja ambjentali b'kont meħud ta' l-istandards, il-linji gwida u l-programmi rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

15. Il-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/50 jistabbilixxi l-għan essenzjali tagħha:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri mmirati lejn dan li ġej:

1. id-definizzjoni u d-determinazzjoni ta' objettivi fir-rigward tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent maħsuba sabiex jevitaw, jimpedixxu jew inaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu;

[…]"

16. L-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2008/50 jiddefinixxi l-kunċett ta' valur limitu bħala "livell fiss fuq il-bażi tal-konoxxenza xjentifika, bil-għan li jkunu evitati, prevenuti jew jitnaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent kollu, li għandu jintlaħaq f'perijodu partikolari u li ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq".

17. Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50 jimponi l-konformità mad-diversi valuri limitu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, PM10, iċ-ċomb u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent ma' jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI.

Fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-benżina, il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.

Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi valutata skond l-Anness III.

[…]"

18. Il-valuri limitu rilevanti għad-diossidu tan-nitroġenu u għall-partiċelli (PM_{10}) li jinsabu fl-Anness XI tad-Direttiva 2008/50 jikkorrispondu mal-valuri limitu stabbiliti mid-Direttiva 1999/30.

19. L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50 jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-estensjoni tat-terminu għall-osservanza tal-valuri limitu:

"1. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu jew il-benżina ma jistgħux jinkisbu sat-termini perentorji speċifikati fl-Anness XI, Stat Membru jista' jipposponi dawk it-termini perentorji sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona jew agglomerazzjoni partikolari, sakemm ikun ġie stabbilit pjan dwar il-kwalità ta' l-arja skond l-Artikolu 23 għaż-żona jew agglomerazzjoni li għalihom japplika l-posponiment; tali pjan dwar il-kwalità ta' l-arja għandu jiġi supplimentat mill-informazzjoni esposta fit-Taqsima B ta' l-Anness XV dwar is-sustanzi li jniġġsu kkonċernati u għandu juri kif il-konformità mal-valuri ta' limitu għandha tintlaħaq qabel it-terminu perentorju l-ġdid.

2. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tal-PM10, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tinkiseb minħabba l-karatteristiċi tat-tixrid

speċifiċi għas-sit, kondizzjonijiet tal-klima ħżiena jew il-kontributi transkonfinali, l-Istat Membru għandu jkun eżentat mill-obbligu li japplika dawk il-valuri ta' limitu sal-11 ta' Ġunju 2011, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu osservati, u sakemm dak l-Istai Membru juri li jkun ħa l-miżuri adegwati kollha fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex ilaħħaq ma l-iskadenzi.

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafi 1 jew 2 japplikaw, u għandhom jikkomunikaw il-pjan dwar il-kwalità ta' l-arja msemmi fil-paragrafu 1 inkluż kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun valutat jekk il-kondizzjonijiet rilevanti humiex sodisfatti. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' effetti stmati fuq il-kwalità ta' l-arja ambjentali fl-Istati Membri, kemm fil-preżent u kemm fil-ġejjieni, ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll effetti stmati Komunitarji fuq il-kwalità ta' l-arja ambjentali ta' miżuri Komunitarji kurrenti u ta' miżuri Komunitarji pjanati li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni.

Fejn il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien disa' xhur minn meta tiġi riċevuta dik in-notifika, għandhom jitqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 jew 2.

Jekk jitqajmu oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istati Membri jaġġustaw jew jipprovdu pjanijiet ġodda dwar il-kwalità ta' l-arja".

20. Fir-rigward taż-żona tal-agglomerazzjoni ta' Pariġi rilevanti, għalkemm, skont il-Kummissjoni [9], ir-Repubblika Franċiża bagħtet komunikazzjoni intiża li testendi t-termini ta' PM_{10} u tad-diossidu tan-nitroġenu, kull waħda minnhom kienet is-suġġett ta' oġġezzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni [10].

21. L-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 jipprevedi li fil-każ li jinqabżu l-valuri limitu f'ċerti żoni jew agglomerazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, sabiex tintlaħaq konformità mal-valuri:

"Fejn, fiż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet stipulati, il-livelli ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu jew valur immirat, kif ukoll kwalunkwe marġni rilevanti tat-tolleranza f'kull każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja għal dawk iż-żoni u agglomerazzjonijiet sabiex jinkiseb il-valur ta' limitu jew valur immirat relatati speċifikati fl-Annessi XI u XIV.

Fil-każ ta' qabżiet ta' dawk il-valuri ta' limitu li għalihom id-data ta' skadenza sabiex jintlaħqu diġà tkun skadiet il-pjan ta' kwalità ta' l-arja għandu jistabbilixxi miżuri adegwati, sabiex il-perijodu tal-qabża jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli. […]

Dawk il-pjanijiet għall-kwalità ta' l-arja għandhom jinkorporaw ta' l-anqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A ta' l-Anness XV u jistgħu jinkludu miżuri skond l-Artikolu 24. Dawk

[9] Air Quality – Time extensions (https://ec.europa.eu/environment/air/quality/time_extensions.htm, aċċessat fil-21 ta' Frar 2022).

[10] Ara, b'mod partikolari, il-premessi 21, 25 u 32 tad-Deċiżjoni C(2009) 5244 finali tat-2 ta' Lulju 2009, premessi 10, 14 sa 16, 19 u 30 tad-Deċiżjoni C(2010) 9168 finali tas-17 ta' Diċembru 2010, fir-rigward tal-PM_{10}, kif ukoll l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni C(2013) 920 finali tat-22 ta' Frar 2013 dwar id-dijossidu tan-nitroġenu.

il-pjanijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, iżda mhux iktar tard minn sentejn wara l-aħħar ta' dik is-sena fejn tkun ġiet osservata l-ewwel qabża.

[…]".

22. Ir-rekwiżiti msemmija fil-Faži A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50 huma, essenzjalment, konformi mar-rekwiżiti tal-Anness IV tad-Direttiva 96/62.

III. Il-fatti u r-rinviju għal deċiżjoni preliminari

23. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq il-qbiż, fl-agglomerazzjoni ta' Pariġi, tal-valuri limitu tal-kwalità tal-arja ċirkostanti. Għalhekk, fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-valuri limitu għad-diossidu tan-nitroġenu nqabżu minn meta kellhom jiġu osservati fl-2010[11]. Barra minn hekk, hija ddeċidiet reċentement li l-valuri limitu għall-PM_{10} lanqas huma stess ma ġew osservati mill-2005 sal-2019[12]. Bl-istess mod, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) Franċiż ikkonstata qbiż persistenti ta' dawn il-valuri limitu sal-2020 għal Pariġi kif ukoll għas-snin sal-2018 u l-2019, qbiż tal-valuri limitu għall-PM_{10}[13].

24. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jeżiġi li l-prefett tad-dipartiment ta' Val-d'Oise, li jikkostitwixxi parti mill-agglomerazzjoni ta' Pariġi, jieħu miżuri sabiex josserva l-valuri limitu previsti mid-Direttiva 2008/50. Barra minn hekk, huwa jitlob kumpens għad-diversi danni fl-ammont ta' EUR 21 miljun stmat għad-dannu li huwa jattribwixxi għat-tniġġis tal-arja. Id-dannu seħħ mis-sena 2003 u saħansitra aggrava maż-żmien.

25. Insostenn tat-talba tiegħu għal kumpens, ir-rikorrent isostni, b'mod partikolari, li huwa ġarrab dannu għas-saħħa minħabba d-deterjorament tal-arja fl-agglomerazzjoni ta' Pariġi, fejn huwa jirrisjedi. Dan id-deterjorament jirriżulta, fil-fehma tiegħu, min-nuqqas tal-awtoritajiet Franċiżi li jwettqu l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva 2008/50. Konsegwentement, huwa jikkontesta r-responsabbiltà tal-Istat sabiex jikseb kumpens għad-dannu għas-saħħa li huwa jinvoka.

26. Peress li t-tribunal administratif de Cergy-Pontoise (il-Qorti Amministrattiva ta' Cergy-Pontoise) ċaħad din it-talba, ir-rikors issa sar pendenti quddiem il-cour administrative d'appel de Versailles (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Versailles, Franza). Din tesponi li d-deċiżjoni għat-talba għal kumpens tippresupponi kjarifika tal-portata tal-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50. Il-kwistjoni hija jekk hemmx lok li jingħata lill-individwi dritt għal kumpens għad-danni li jaffettwaw is-saħħa tagħha f'każ ta' ksur sufiċjentement serju minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tal-obbligi li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet.

[11] Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limiti għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900).

[12] Sentenza tat-28 ta' April 2022, Il-Kummissjoni vs Franza (Valuri Limiti- PM_{10}) (C-286/21, mhux ippubblikata, EU:C:2022:319)

[13] Sentenza tal-Conseil d'Etat (il-Kunsill tal-Istat) tal-4 ta' Awwissu 2021, Association les Amis de la Terre France *et* (428409, FR:CECHR:2021:428409.20210804, punti 4 u 5).

27. Għalhekk, il-cour administrative d'appel de Versailles (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Versailles) tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Ir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) u tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa għandhom jiġu interpretati bħala li jagħtu lill-individwi, fil-każ ta' ksur suffiċjentement serju minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tal-obbligi li jirriżultaw minnha, dritt li jiksbu mingħand l-Istat Membru inkwistjoni kumpens għad-danni kkawżati lil saħħithom li għandhom rabta kawżali diretta u ċerta mad-degradazzjoni tal-kwalità tal-arja?

2. Jekk jitqies li d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jistgħu effettivament jagħtu tali dritt għal kumpens tad-danni għas-saħħa, għal liema kundizzjonijiet huwa suġġett l-għoti ta' dan id-dritt, b'mod partikolari fir-rigward tad-data li fiha trid tiġi evalwata l-eżistenza tal-ksur attribwibbli lill-Istat Membru inkwistjoni?"

28. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea pparteċipaw fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022.

IV. Analiżi legali

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu [14]. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari issa hija intiża sabiex jiġi ddeterminat sa fejn ksur tal-valuri limitu tad-dritt tal-Unjoni intiż li jipproteġi l-kwalità tal-arja ċirkostanti jista' effettivament jagħti lok għal kumpens.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-effettività sħiħa tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni titqiegħed f'dubju u l-protezzjoni tad-drittijiet irrikonoxxuti minnhom tiddgħajjef jekk l-individwi ma jkollhomx il-possibbiltà li jiksbu kumpens meta d-drittijiet tagħhom ikunu leżi minn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil Stat Membru [15].

31. Il-persuni leżi għandhom għalhekk dritt għal kumpens meta jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet: id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni miksura jkollha l-għan li tagħtihom drittijiet, il-ksur ta' din id-dispożizzjoni jkun suffiċjentement serju, u tkun teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu mġarrab mill-individwi [16].

32. L-ewwel domanda preliminari tippreżupponi l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju u ta' rabta kawżali diretta. Hija intiża li jiġi magħruf jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/50 fil-qasam tal-kwalità tal-arja jagħtux drittijiet lill-individwi, jiġifieri, jekk il-ksur ta' dawn ir-rekwiżiti jistax

[14] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punti 54 u 55).

[15] Sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 33), tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punt 40), tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punt 56), u tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 54).

[16] Sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 51), tal-24 ta' Marzu 2009, Danske Slagterier (C-445/06, EU:C:2009:178, punt 20), u tal-10 ta' Diċembru 2020, Euromin Holdings (Cyprus) (C-735/19, EU:C:2020:1014, punt 79).

jagħti dritt għal kumpens (iktar 'il quddiem A). Jekk dan huwa l-każ, it-tieni domanda hija intiża li tippreċiża l-kundizzjonijiet ta' tali dritt, b'mod partikolari fir-rigward tal-mument li fih għandha tiġi evalwata l-eżistenza tal-ksur imputabbli lill-Istat Membru kkonċernat. Sabiex isir dan, għandha tingħata deċiżjoni ulterjuri dwar il-kundizzjonijiet li fihom ksur serju u rabta kawżali diretta għandhom jiġu kkonstatati (iktar 'il quddiem B).

A. L-ewwel domanda – Għoti ta' drittijiet permezz ta' regoli dwar il-kwalità tal-arja

33. Id-dritt għal kumpens għad-dannu mġarrab minħabba l-ksur tad-dritt tal-Unjoni jippreżumi, l-ewwel, li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni miksura jkollha l-għan li tagħti d-drittijiet lill-persuni leżi [17].

34. Huwa minnu li l-kwistjoni dwar jekk l-istandard ikkonċernat huwiex direttament applikabbli, ma hijiex rilevanti fil-kuntest tal-ġustifikazzjoni tat-talba għal kumpens [18]. Madankollu, l-applikabbiltà diretta hija indizju importanti li jimmilita favur l-attribuzzjoni ta' drittijiet [19], peress li, f'dan il-każ, huwa possibbli li jiġi ddeterminat il-kontenut tad-dritt mogħti, li hija kundizzjoni għad-dritt għal kumpens [20].

35. Għaldaqstant, qabel kollox, għandu jiġi eżaminat jekk ir-regoli dwar il-valuri limitu u dawk dwar il-miżuri intiżi li jtejbu l-kwalità tal-arja humiex suffiċjentement ċari sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat il-kontenut ta' drittijiet eventwali. Sussegwentement, huwa possibbli li jiġi evalwat jekk dawn ir-regoli għandhomx l-għan li jagħtu drittijiet lill-individwi.

1. Kjarezza tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 96/62 u 1999/30

36. Għalkemm huwa minnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda biss id-Direttiva 2008/50, xorta jibqa' l-fatt li l-kawża prinċipali tikkonċerna dannu mġarrab mir-rikorrent sa mis-sena 2003. Bejn dan iż-żmien u l-iskadenza tat-terminu ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/50 fil-11 ta' Ġunju 2010, inizjalment irregolat id-Direttivi 96/62 u 1999/30 dwar il-kwalità tal-arja fir-rigward tas-sustanzi li jniġġsu PM_{10} (materja partikolata) u d-diossidu tan-nitroġenu msemmija fit-talba għal deċiżjoni preliminari.

a) Fuq il-valuri limitu

37. Skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/62, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw l-osservanza tal-valuri limitu. Il-valuri limitu għad-diossidu tan-nitroġenu kienu jirriżultaw mill-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Anness II tad-Direttiva 1999/30, u kienu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2010.

17 Sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 40), tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 51), tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punt 41), u tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566, punt 34).

18 Sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 21 u 22), kif ukoll tal-10 ta' Diċembru 2020, Euromin Holdings (Cyprus) (C-735/19, EU:C:2020:1014, punt 81).

19 Ara sentenzi tal-24 ta' Marzu 2009, Danske Slagterier (C-445/06, EU:C:2009:178, punt 22 sa 26), tal-25 ta' Novembru 2010, Fuß (C-429/09, EU:C:2010:717, punt 49 u 50), kif ukoll tal-25 ta' Marzu 2021, Balgarska Narodna Banka (C-501/18, EU:C:2021:249, punt 63 u 86).

20 Sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 40), tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, EU:C:2006:443, punt 112), u tal-24 ta' Jannar 2018, Pantuso *et* (C-616/16 u C-617/16, EU:C:2018:32, punt 49).

38. Il-valuri limitu għall-PM_{10} kienu stabbiliti fl-Artikolu 5 flimkien mal-Anness III, Stadju 1 tat-Taqsima I ta' din id-direttiva, u kienu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005.

39. L-imsemmija valuri limitu u t-termini ġew sussegwentement riprodotti, mingħajr emendi, fl-Anness XI tad-Direttiva 2008/50.

40. L-obbligu li jiġu osservati l-valuri limitu huwa impost għalhekk mid-data ffissata u huwa, skont il-formulazzjoni stess tad-dispożizzjonijiet rilevanti, ċar u inkundizzjonat [21].

b) Titjib fil-kwalità tal-arja

41. Barra minn hekk, id-Direttiva 96/62 kienet diġà tipprevedi regoli dwar it-titjib tal-kwalità tal-arja għall-perijodu preċedenti għall-iskadenza tat-termini ta' applikazzjoni tal-valuri limitu u għall-perijodu sussegwenti.

i) Fuq il-perijodu qabel in-natura vinkolanti tal-valuri limitu

42. L-ewwel obbligu ta' titjib tal-kwalità tal-arja kien diġà jeżisti qabel ma l-valuri limitu saru obbligatorji, rispettivament fl-2005 u fl-2010. L-Istati Membri kellhom, f'dan l-istadju, jadottaw miżuri sabiex il-valuri limitu jiġu osservati mhux iktar tard mill-mument li fih isiru vinkolanti.

43. Id-dettalji ta' dan l-obbligu jirriżultaw mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62. L-ewwel, skont l-Artikolu 8(1), l-Istati Membri għandhom jidentifikaw iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet, li fihom il-livelli ta' inkwinant wieħed jew iktar jaqbżu l-ammont tal-valur limitu u l-marġni ta' diskrezzjoni speċifikati wkoll fid-Direttiva 1999/30. Għaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet identifikati b'dan il-mod, l-Istati Membri kellhom, skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62, jistabbilixxu jew jimplimentaw pjanijiet jew programmi sabiex il-valur limitu jkun jista' jintlaħaq fit-terminu stabbilit, jiġifieri fil-mument tan-natura vinkolanti tiegħu.

44. F'dan ir-rigward, il-marġni ta' tolleranza kien jindika ċertu perċentwali tal-valur limitu rispettiv, li tnaqqas b'mod lineari għal 0 % bejn l-iffissar tal-valuri limitu u d-data tal-applikazzjoni tagħhom. Il-marġni ta' tolleranza għalhekk kien kontinwament inqas, iktar ma l-applikazzjoni tal-valuri limitu saru eqreb. L-applikabbiltà tal-valuri limitu inkwistjoni neħħiet totalment il-marġni ta' tolleranza.

45. Huwa probabbli li dan l-obbligu kien diġà jikkonċerna ħafna żoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-valuri limitu kienu sussegwentement inqabżu fl-iskadenza tat-terminu għall-applikazzjoni tagħhom, jiġifieri fl-2005 jew fl-2010 [22].

46. Dawn il-pjanijiet jew programmi kellhom josservaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 96/62, li kienu fil-biċċa l-kbira konformi mat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50. Dawn ir-rekwiżiti ma humiex ta' natura purament formali, peress li l-informazzjoni inkwistjoni tattesta l-oriġini tat-tniġġis (punti 5 u 6), analiżi tal-miżuri possibbli

[21] Ara s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (PM_{10}) (C-479/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:287), tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (PM_{10}) (C-34/11, EU:C:2012:712), u tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (PM_{10}) (C-68/11, EU:C:2012:815).

[22] Għalhekk, kif jirriżulta mir-rapport annwali bil-kwestjonarju minn Franza għall-2003 (https://cdr.eionet.europa.eu/fr/eu/annualair/envqwuzxq/, aċċessat fl-24 ta' Frar 2022), fl-agglomerazzjoni ta' Pariġi l-valur limitu annwali b'marġni ta' diskrezzjoni għad-diossidu tan-nitroġenu (Tabella 8b, linja 14) u l-valur limitu ta' kuljum b'marġni għal PM_{10} (Tabella 8c, linja 14) inqabeż.

dwar it-titjib tal-kwalità tal-arja (punt 6) kif ukoll il-miżuri deċiżi u implimentati (punti 7 sa 9) inkluża skeda u stima dwar it-titjib fil-kwalità tal-arja li għandu jinkiseb (punt 8). L-evalwazzjoni tal-kapaċità tal-pjan jew tal-programm li jilħaq l-osservanza tal-valuri limitu mal-iskadenza tat-termini tal-applikazzjoni tagħhom timplika loġikament tali indikazzjonijiet.

47. Addizzjonalment, għandu jiġi osservat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 jipprovdi obbligu simili għall-materja partikolata iktar fina mid-daqs ta' $PM_{2,5}$ li l-valur limitu tagħha kellu biss jiġi osservat wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva.

ii) Wara l-iskadenza tat-termini għall-applikazzjoni tal-valuri limitu

48. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62 kien jipprevedi li l-Istati Membri kellhom jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq medda qasira ta' żmien fil-każ ta' riskju li jinqabżu l-valuri limitu u/jew il-limiti ta' twissija, sabiex jitnaqqas dan ir-riskju u sabiex jiġi limitat it-tul tiegħu.

49. Skont il-formulazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 96/62, il-possibbiltà ta' qbiż tal-valuri limitu ma kinitx prevista. Qabel ma kien applikabbli, l-Artikolu 8 kien jimponi fuq l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu osservati fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħhom. Sussegwentament, l-Artikolu 7(3) jobbligahom jiġġieldu r-*riskju* li jinqabeż il-limitu. Dan ġie kkonfermat mid-definizzjoni tal-kunċett ta' valur limitu li jinsab fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 96/62, li jgħid li għandu jintlaħaq valur limitu f'terminu stabbilit u ma kellux sussegwentament jinqabeż.

50. Madankollu, fis-sentenza Janecek, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri ma kinux obbligati jieħdu miżuri li ma jimplikaw ebda qbiż. Għall-kuntrarju, mill-istruttura tad-Direttiva 96/62, li kienet intiża għal tnaqqis integrat tat-tniġġis, hija ddeduċiet l-obbligu għall-Istati Membri li jieħdu miżuri ta' natura li jnaqqsu għall-minimu r-riskju ta' qbiż u t-tul tiegħu, fid-dawl tać-ċirkustanzi u tal-interessi preżenti kollha. F'din l-okkażjoni, l-Istati Membri kellhom jiżguraw ibbilanċjar mal-interessi pubbliċi u privati differenti preżenti. Il-limiti ta' din is-setgħa diskrezzjonali kienu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju [23].

51. Din is-sentenza tinftiehem sa fejn, f'din id-data, diġà kien magħruf li, f'diversi Stati Membri, il-valuri limitu applikabbli għall-PM_{10} inqabżu u li l-osservanza tagħhom kienet teħtieġ sforzi kunsiderevoli. Fir-rigward tal-valuri limitu tad-diossidu tan-nitroġenu applikabbli fl-2010, il-Kummissjoni kienet qiegħda tistenna sitwazzjoni simili [24]. L-aspettattiva, espressa fit-test tad-Direttiva 96/62, li l-valuri limitu ma kinux jinqabżu għalhekk ma kinitx realistika. Barra minn hekk, dan l-għarfien, ftit qabel is-sentenza Janecek, wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2008/50, li ser tiġi eżaminata iktar 'il fuq.

52. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ġustament enfasizzat in-neċessità ta' bbilanċjar tal-interessi preżenti waqt l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni. Għalkemm, waqt l-iffissar tal-valuri limitu, il-leġiżlatur diġà antiċipa dan l-ibbilanċjar, id-dritt tal-Unjoni ma jistax jimponi fuq l-Istati

[23] Sentenza tal-25 ta' Lulju 2008 (C-237/07, EU:C:2008:447, punti 44 sa 46).

[24] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifika ta' estensjoni tat-termini stabbiliti sabiex jiġu osservati ċerti dispożizzjonijiet u eċċezzjonijiet għall-implimentazzjoni mandatorja ta' ċerti valuri limitu, skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (COM(2008) 403 finali p. 2).

Membri miżuri intiżi li jiżguraw l-osservanza tal-valuri limitu li l-inkonvenjenzi tagħhom jegħlbu t-titjib tal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem minħabba l-implimentazzjoni tal-valuri limitu [25].

53. Madankollu, il-konstatazzjonijiet tas-sentenza Janecek huma limitati għall-obbligu li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62. Dawn il-pjanijiet ma għandhomx ikunu maħsuba b'mod li jeskludu kwalunkwe qbiż tal-valuri limitu. L-obbligu li jiġu osservati l-valuri limitu kien diġà indipendenti skont id-Direttivi 96/62 u 1999/30 [26]. L-Istati Membri jistgħu jiġġustifikaw derogi mill-valuri limitu, bħal ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni [27], biss billi juru prova b'mod konkret diffikultajiet insormontabbli jew forza maġġuri [28].

c) Konklużjonijiet intermedja

54. Għalhekk, jibqa' li jiġi kkonstatat, li l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 96/62, moqrija flimkien mal-valuri limitu għad-diossidu tan-nitroġenu u għall-PM_{10} jikkostitwixxu, skont id-Direttiva 1999/30, obbligu ċar u inkundizzjonat li jiġu osservati l-valuri limitu li ilhom stabbiliti għall-PM_{10} mill-1 ta' Jannar 2005 u, għad-diossidu tan-nitroġenu, mill-1 ta' Jannar 2010. Madankollu, skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62, l-Istati Membri kellhom jieħdu miżuri biss sabiex jimminimizzaw it-tul tal-qbiż fuq il-bażi ta' bilanċ bejn l-interessi inkwistjoni. Dan it-tieni obbligu huwa suffiċjentement ċar biss għal dak li jikkonċerna qbiż tal-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni eżistenti f'dan ir-rigward.

2. Kjarezza tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50

55. Barra minn hekk, għandha tiġi evalwata ċ-ċarezza tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50, li ħassret, fl-2008, id-Direttivi 96/62 u 1999/30 b'effett mill-11 ta' Ġunju 2010.

a) Il-valuri limitu

56. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni u fl-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli ta' diversi inkwinanti atmosferiċi fl-arja, b'mod partikolari l-PM_{10}, ma jaqbżux il-valuri limitu stabbiliti fl-Anness XI. Barra minn hekk, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 13(1) il-valuri limitu tad-diossidu tan-nitroġenu u l-benżina ffissati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.

57. Id-differenza fil-formulazzjoni bejn dawn iż-żewġ sentenzi ma tikkontestax iċ-ċarezza tal-obbligu li jiġu osservati l-valuri limitu. Hija tispjega ruħha mill-fatt li l-valuri limitu għall-inkwinanti msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50, bħal

25 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (PM_{10}) C-488/15, EU:C:2016:862, punti 95 sa 98).

26 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs l-Isvezja (PM_{10}) (C-479/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:287), tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (PM_{10}) (C-34/11, EU:C:2012:712), u tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (PM_{10}) (C-68/11, EU:C:2012:815).

27 Sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-101/84, EU:C:1985:330, punt 16), tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595, punti 55 u 56), kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-1/00, EU:C:2001:687, punt 131).

28 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (PM_{10}) (C-68/11, EU:C:2012:815, punti 64 u 65).

tal-Anness XI, kienu, evidentement, applikabbli mill-2005, filwaqt li din id-direttiva daħlet fis-seħħ biss fl-2008. Għall-kuntrarju, il-valuri limitu għad-diossidu tan-nitroġenu u għall-benżina saru vinkolanti biss fl-2010, jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

58. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li l-valuri għas-sustanzi li jniġġsu koperti mill-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50 ma jaqbżux il-valuri limitu stabbiliti fl-Anness XI fi kwalunkwe post fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet tagħhom [29]. Skont il-punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness III jirriżulta li huma biss ċerti postijiet fejn il-persuni normalment jirrisjedu mingħajr protezzjoni li ma humiex suġġetti għal evalwazzjoni [30].

59. Meħud waħdu, l-Artikolu 13(1) u l-Anness XI tad-Direttiva 2008/50 jidhru għalhekk suffiċjentement preċiżi [31]. Dan jirriżulta wkoll mill-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat diversi drabi ksur ta' din id-dispożizzjoni mill-Istati Membri [32].

b) Il-pjanijiet relatati mal-kwalità tal-arja skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50

60. Minbarra l-obbligu ta' osservanza tal-valuri limitu skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50, jeżisti l-obbligu li tittejjeb il-kwalità tal-arja skont l-Artikolu 23(1).

61. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għaż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' inkwinanti jaqbżu valur limitu jew valur immirat, miżjud bil-marġni ta' tolleranza applikabbli għal dan il-għan, sabiex jiġu osservati l-valuri limitu jew il-valuri mmirat stabbiliti fl-Annessi XI u XIV tad-Direttiva 2008/50. Fil-każ ta' qbiż ta' dawk il-valuri limitu li għalihom it-terminu sabiex jintlaħqu diġà jkun skada, il-pjan ta' kwalità tal-arja għandu jistabbilixxi miżuri adegwati, sabiex il-perijodu tal-qbiż ikun jista' jinżamm l-iqsar possibbli. Dawn il-pjanijiet relatati mal-kwalità tal-arja għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness XV.

62. Konsegwentament, l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50 joħloq rabta diretta bejn il-qbiż tal-valuri limitu għall-PM_{10} previsti fl-Artikolu 13(1) flimkien mal-Anness XI u l-obbligu li jitfasslu pjanijiet tal-kwalità tal-arja [33].

63. Għaldaqstant, l-Istati Membri intervenjenti jqisu li d-Direttiva 2008/50 ma teżiġix li jiġi prekluż kull qbiż tal-valuri limitu, iżda tillimita ruħha li tistabbilixxi fl-Artikolu 23(1) l-obbligu biss li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja. Il-Polonja ssostni wkoll li l-obbligu li jiġu osservati l-valuri limitu ma huwiex inkundizzjonat fid-dawl tal-Artikolu 23(1).

[29] Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 48). Ara wkoll is-sentenzi msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32 f'dawn il-konklużjonijiet.

[30] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:168, punt 78).

[31] Ara, is-sentenza tal-5 ta' April 1979, Ratti (C-148/78, EU:C:1979:110, punt 23), u tal-4 ta' Ottubru 2018, Link Logistik N&N (C-384/17, EU:C:2018:810, punt 49).

[32] Sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija tal-(PM_{10}) (C-488/15, EU:C:2017:267), tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (PM_{10}) (C-336/16, EU:C:2018:94), u tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limiti għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900), tat-30 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (Qbiż tal-valuri limitu għall- PM_{10}) (C-638/18, mhux ippubblikata, EU:C:2020:334), tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Italja (Valuri limitu għall-PM10) (C-644/18, EU:C:2020:895), tat-3 ta' Frar 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Valuri limitu – PM_{10}) (C-637/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:92), u tal-4 ta' Marzu 2021, Kummissjoni vs ir-Renju Unit (valuri limitu - diossidu tan-nitroġenu) (C-664/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:171), tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu – NO_2) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437).

[33] Sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (PM_{10}) (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 83), tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limiti għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900, punt 78), u tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu għall- PM_{10}) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 133).

64. Is-sentenza Janecek imsemmija iktar ’il fuq tidher li tappoġġja din il-pożizzjoni, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet flimkien mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62 li l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu l-valuri limitu milli jinqabżu kull darba [34]. Bl-istess mod għar-Regolament preċedenti, pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jistgħu jiġu stabbiliti biss, skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50, fuq il-bażi ta’ bilanċ bejn l-għan ta’ tnaqqis tar-riskju ta’ tniġġis u l-interessi pubbliċi u privati differenti preżenti [35].

65. Madankollu, diġà fil-kuntest tad-Direttivi 96/62 u 1999/30, seta’ jiġi ddubitat li miżuri ta’ titjib tal-kwalità tal-arja kienu biżżejjed sabiex jiġġustifikaw ksur tal-valuri limitu [36]. Barra minn hekk, fir-rigward tad-Direttiva 2008/50, il-Qorti tal-Ġustizzja, sadanittant ċaħdet, diversi drabi, l-argument li Stat Membru kien diġà kkonforma ruħu kompletament mal-obbligi previsti fl-Artikolu 13(1) peress li stabbilixxa pjan dwar il-kwalità tal-arja [37].

66. Tali interpretazzjoni twassal, skont sentenza reċenti tal-Awla Manja, sabiex jitħalla t-twettiq tal-għan ta’ protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/50 biss għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri, ħaġa li tmur kontra r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Dan huwa dak li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeduċi, b’mod partikolari, mid-definizzjoni tal-kunċett ta’ “valur limitu” fl-Artikolu 2(5), li l-osservanza tiegħu għandha tiġi ggarantita matul perijodu partikolari u ma għandux jinqabeż wara [38].

67. Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/50 ippreċiżat l-obbligu li jiġu osservati l-valuri limitu fir-rigward tad-Direttiva 96/62 permezz ta’ skema li tiġi kompromessa jekk is-sempliċi tħejjija ta’ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika qbiż [39]. L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50 jippermetti l-estensjoni tat-termini ta’ osservanza tal-valuri limitu massimu ta’ ħames snin għad-diossidu tan-nitroġenu jew il-benżina u massimu ta’ sitt snin għall-PM_{10}. L-estensjoni tat-terminu hija b’mod partikolari suġġetta għat-tfassil mill-Istati Membri ta’ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jiggarantixxu l-osservanza ta’ dan it-terminu estiż. Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) ma humiex marbuta b’dan it-terminu.

c) Konklużjoni intermedja

68. Għalhekk, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50 jistabbilixxi obbligu preċiż u direttament vinkolanti fuq l-Istati Membri li jopponu l-qbiż tal-valuri limitu applikabbli għall-inkwinanti atmosferiċi msemmija.

69. Barra minn hekk, mill-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 jirriżulta obbligu ċar u awtonomu ta’ tfassil ta’ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, li jirriżulta mill-ksur tal-valuri limitu [40].

34 Sentenza tal-25 ta’ Lulju 2008 (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 44).

35 Sentenzi tal-5 ta’ April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (PM_{10}) (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 105 sa 106), tal-24 ta’ Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limiti għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900, punt 79), u tal-10 ta’ Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu għall-PM_{10}) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 134).

36 Ara, iktar ’il fuq, punt 53.

37 Sentenza tad-19 ta’ Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 42), tal-5 ta’ April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (PM_{10}) (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 70), u tal-10 ta’ Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (valuri limitu għall-PM10) (C-644/18, EU:C:2020:895, punti 78 sa 81).

38 Sentenza tal-10 ta’ Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu għall-PM_{10}) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 80).

39 Sentenza tad-19 ta’ Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 43 sa 47), u tal-10 ta’ Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta’ limitu għall-PM_{10}) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 81).

40 Sentenza tal-25 ta’ Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 35), u tad-19 ta’ Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 53).

70. Il-Polonja hija tal-fehma li l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 ma huwiex preċiż biżżejjed fir-rigward tal-kontenut tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja. Din id-dispożizzjoni ma tiffissax terminu fiss sabiex jintemm il-qbiż, iżda teżiġi biss li l-perijodu tal-qabża jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli. Barra minn hekk, l-adozzjoni tal-miżuri tippreżupponi l-ibbilanċjar tal-interessi diverġenti, kif jenfasizzaw ukoll Franza u l-Irlanda.

71. Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-marġni ta' diskrezzjoni marbut mal-ibbilanċjar tal-interessi jista' jkun rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk ksur huwiex serju [41] u jista' wkoll ikollu rwol fl-evalwazzjoni tar-rabta kawżali [42]. Madankollu, għadu ma huwiex determinanti jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hijiex preċiża biżżejjed sabiex tagħti drittijiet lill-individwi. Għall-kuntrarju, huwa biżżejjed li l-individwi jkunu jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati nazzjonali l-osservanza tal-limiti ta' din is-setgħa diskrezzjonali [43].

3. Għan tal-valuri limitu u obbligu li tittejjeb il-kwalità tal-arja

72. Il-kwistjoni dwar jekk il-valuri limitu u l-obbligu ta' titjib tal-kwalità tal-arja, previsti mid-Direttivi 96/62, 1999/30 u 2008/50, għandhomx l-għan li jagħtu drittijiet lil dawk li jġarrbu danni għas-saħħa minħabba t-tniġġis tal-arja, tiddependi qabelxejn mill-għanijiet ta' dawn il-leġiżlazzjonijiet, minbarra n-natura determinabbli ta' eventwali drittijiet [44].

73. Id-Direttivi 96/62 u 2008/50 għandhom l-għan, skont it-tieni premessa tagħhom u l-Artikolu 1, li jevitaw, jipprevjenu u jnaqqsu l-effetti ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem [45]. Id-direttivi dwar il-kwalità tal-arja ċirkostanti introdotti permezz ta' dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-obbligi ta' protezzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa pubblika, li jirriżultaw pereżempju mill-Artikolu 3(3) TUE u l-Artikolu 191(1) u (2) TFUE. Għalhekk, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni d-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni differenti tagħha, u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' azzjoni preventiva [46]. Dan l-obbligu ta' protezzjoni jirriżulta wkoll mill-Artikoli 2, 3 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [47].

74. Il-fatt li l-valuri limitu għall-PM_{10} u d-diossidu tan-nitroġenu jservu b'mod partikolari sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem diġà jirriżulta mid-denominazzjoni tagħhom bħala valuri limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fl-Annessi II u II tad-Direttiva 1999/30 kif ukoll fl-Artikolu 13 u l-Anness XI tad-Direttiva 2008/50. Id-definizzjoni tat-terminu "valur limitu" kif enfasizzat mir-rikorrenti fil-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttivi 96/62 u 2008/50 rispettivament tipprovdi wkoll li jiġi stabbilit valur limitu bil-għan li l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew tal-ambjent jiġu evitati, impediti jew imnaqqsa.

41 Sentenzi tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56, punt 72), tal-25 ta' April 2013, Hogan *et* (C-398/11, EU:C:2013:272, punt 50 sa 52), kif ukoll, b'mod partikolari dwar id-Direttiva 2008/50, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (PM_{10}) (C-488/15, EU:C:2016:862, punt 76). Ara, ukoll, iktar 'il quddiem punti 106 *et seq*.

42 Ara, dwar dan, il-punt 126 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 46), u tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 105). Ara wkoll is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404, punt 59), tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punti 34 u 45), kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* (C-197/18, EU:C:2019:824, punti 31 u 72).

44 Sentenzi tat-8 ta' Ottubru 1996, Dillenkofer *et* (C-178/94, C-179/94 u C-188/94 sa C-190/94, EU:C:1996:375, punt 33 *et seq*.), tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807, punt 102), u tal-10 ta' Diċembru 2020, Euromin Holdings (Cyprus) (C-735/19, EU:C:2020:1014, punti 88 u 89).

45 Ara s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 67).

46 Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 33).

47 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:168, punt 53).

75. Sa fejn l-obbligi rispettivi ta' titjib tal-kwalità tal-arja huma attivati mill-qbiż ta' dawn il-valuri limitu, ma hemmx dubju li dawn l-obbligi jirrigwardaw ukoll il-protezzjoni tas-saħħa.

76. Kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, din il-protezzjoni diġà wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata, fir-rigward tad-direttivi preċedenti dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja, li l-individwi għandhom ikunu jistgħu jinvokaw bħala drittijiet ir-rekwiżiti imperattivi ta' dawn id-direttivi [48]. Abbażi ta' dan, huwa ppermetta li jinvoka d-Direttivi 96/62 u 2008/50 [49] u semma wkoll, f'dan il-kuntest, il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet [50].

77. Fil-fatt, il-Polonja u l-Irlanda jqisu li l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa huwa intiż biss għall-protezzjoni tal-pubbliku, iżda dan ma huwiex konvinċenti. Huwa preċiżament l-interess tas-saħħa li għandu natura partikolarment personali, u għalhekk individwali, u huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza li għadha kif ġiet esposta.

78. Is-sitwazzjoni tista' tkun differenti għar-regoli tal-leġiżlazzjoni ambjentali li huma intiżi prinċipalment sabiex jipproteġu lill-annimali, lill-pjanti u lill-ħabitat naturali, iżda li jibbenefikaw minnhom biss indirettament il-bnedmin. F'dan ir-rigward, wieħed jista' jaħseb fil-valuri kritiċi dwar il-protezzjoni tal-veġetazzjoni previsti fl-Artikolu 14 fl-Anness XIII tad-Direttiva 2008/50. Madankollu, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, f'dan il-każ, dwar il-kwistjoni ta' jekk dawn id-dispożizzjonijiet għandhomx l-għan li jagħtu drittijiet lill-individwi.

79. Kuntrarjament għall-fehma tal-Irlanda, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas lanqas ma jipprekludi r-rikonoxximent ta' responsabbiltà tal-Istat għad-danni għas-saħħa minħabba l-ksur tar-regoli dwar il-kwalità tal-arja ċirkostanti.

80. Huwa minnu li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas hu prinċipju tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, u, għaldaqstant, għandu jiġi osservat fl-interpretazzjoni tar-regoli dwar il-kwalità tal-arja ċirkostanti. Huwa minnu wkoll li, skont dan il-prinċipju, l-awturi tat-tniġġis tal-arja għandhom ibatu l-ispejjeż, li huwa iktar evidenti f'verżjonijiet lingwistiċi oħra milli fil-Ġermaniż "Verursacherprinzip", meta, pereżempju, fil-lingwa Ingliża, isir riferiment għal "that the polluter should pay" jew bil-Franċiż għall-"principe du pollueur-payeur".

81. Madankollu, dan il-prinċipju ma jistax jeżenta lill-Istati Membri mir-responsabbiltà tagħhom stess meta jawtorizzaw jew ma jimpedixxux it-tniġġis tal-arja bi ksur tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li r-regoli dwar il-kwalità tal-arja ċirkostanti jimponu din ir-responsabbiltà fuq l-Istati Membri huwa ġġustifikat mill-fatt li t-tniġġis tal-arja ċirkostanti jirriżulta regolarment minn sorsi differenti, b'tali mod li l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu sa fejn ċerti awturi tat-tniġġis għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom.

48 Sentenza tat-30 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (diossidu tal-kubrit u partiċelli fl-arja) (C-361/88, EU:C:1991:224, punt 16), u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Ċomb) (C-59/89, EU:C:1991:225, punt 19), Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Ilma tax-xorb) (C-58/89, EU:C:1991:391, punt 14).

49 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punti 37 sa 38), tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 54), tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punti 53 u 54), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 38).

50 Sentenzi tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 52), tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punti 31 u 54), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punti 33, 39 u 54).

4. Fuq is-sentenza Paul

82. It-tifsira ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-għan tal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja hija partikolarment evidenti meta wieħed iqabbilha mas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606). Din hija l-unika sentenza li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dritt għal kumpens minħabba li l-leġiżlazzjonijiet inkwistjoni *ma* kellhomx l-għan li jagħtu drittijiet lill-individwi.

83. Din is-sentenza kienet tikkonċerna obbligi ta' sorveljanza bankarja li kienu fis-seħħ dak iż-żmien, li kienu intiżi wkoll sabiex jipproteġu d-depożitanti[51]. Dawn ir-regolamenti fil-fatt jippreżentaw analoġiji mal-protezzjoni tal-kwalità tal-arja. Fil-fatt, iż-żewġ kompiti, is-sorveljanza bankarja u l-protezzjoni tal-kwalità tal-arja huma kkaratterizzati minn kumplessità kbira[52] u d-drittijiet tal-individwi ma jissemmewx espressament[53], kif tenfasizza Franza fil-proċedura preżenti.

84. Madankollu, il-leġiżlazzjoni dwar sorveljanza bankarja f'dak iż-żmien kienet tippreżenta differenzi sinjifikattivi meta mqabbla mal-protezzjoni tal-kwalità tal-arja. Dawn id-differenzi ma jirriżultawx esklużivament mid-differenza fl-għan tal-leġiżlazzjoni.

85. Fil-bidu, kien hemm skema ta' garanzija tad-depożiti[54] skema ta' protezzjoni speċifika għad-depożitanti, li tipprekludi li jibbenefikaw minn drittijiet għal kumpens iktar estiżi[55]. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda d-danni għas-saħħa dovuti għat-tniġġis tal-arja, tali leġiżlazzjoni speċifika ma hijiex evidenti.

86. Iżda fuq kollox, l-għan prinċipali tas-sistemi ta' sorveljanza bankarja ta' dak iż-żmien kien li jaslu għar-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet u tas-sistemi ta' kontroll bankarju. Dan kien jippermetti l-għoti ta' awtorizzazzjoni unika lil banek għall-Unjoni kollha u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-kontroll mill-Istat Membru ta' oriġini[56]. Is-sistemi ta' sorveljanza bankarja għandhom għalhekk iwettqu, skont il-bażi legali tagħhom, il-libertà ta' stabbiliment tal-banek billi jarmonizzaw ir-rekwiżiti nazzjonali. Ir-responsabbiltà tal-Istat favur id-depożitanti, li ma kinitx prevista, jew saħansitra eskluża, fuq il-livell nazzjonali, ma kinitx neċessarja għal dan il-għan[57].

87. Min-naħa l-oħra, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja kienu bbażati fuq il-kompetenza ambjentali tal-Unjoni u għalhekk huma intiżi neċessarjament, skont l-Artikolu 191 TFUE, għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Hija preċiżament din il-protezzjoni li hija l-għan prinċipali, filwaqt li l-għanijiet tas-suq intern għandhom rwol marġinali u indirett biss.

51 Ara, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 38).

52 Ara, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 44).

53 Ara, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 41).

54 Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 6 Vol. 2, p. 252).

55 Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 45).

56 Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 42).

57 Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 43).

5. Assenza ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tad-drittijiet pekunjarji

88. Madankollu, l-oġġezzjoni ta' Franza tista' tinftiehem ukoll fis-sens li dritt għal kumpens jippreżupponi l-ksur ta' regola li tipprovdi drittijiet lill-individwi għal pagamenti jew għal vantaġġi ekonomiċi. Dan ma huwiex il-każ fir-rigward tar-regoli dwar il-kwalità tal-arja.

89. Fil-fatt, id-deċiżjonijiet preċedenti favur responsabbiltà tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni ta' spiss għandhom l-għan li jissalvagwardjaw drittijiet finanzjarji, bħall-garanzija tas-salarji u tal-anzjanità fil-każ ta' falliment ta' min jimpjega [58] jew id-drittijiet tal-passiġġieri kollox kompriż fil-każ ta' falliment tal-impriża tal-ivvjaġġar [59], l-assigurazzjoni tad-depożiti [60] u l-protezzjoni tal-investituri kontra l-prezzijiet eċċessivi fil-każ ta' teħid lura [61], jew id-drittijiet għal kumpens lill-vittmi tal-kriminalità [62].

90. Fl-istess sens, l-affermazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tindika li l-ksur tal-leġiżlazzjoni rilevanti għandu effett immedjat fuq l-istatus ġuridiku ("sitwazzjoni ġuridika") tal-persuna leża [63]. Għalhekk dawn kienu interessi patrimonjali ġuridikament protetti marbuta mal-garanzija tad-depożiti u mal-protezzjoni tal-investituri.

91. Min-naħa l-oħra, ommissjoni ta' Stat Membru li jiżgura l-osservanza tal-valuri limitu ma tistax tiġi kklassifikata bħala bidla fis-sitwazzjoni ġuridika ta' dawk li minħabba f'hekk iġarrbu dannu għas-saħħa. Dan huwa pjuttost ksur ta' proprjetà li għandu ħafna iktar importanza mill-imsemmija interessi legali. Fil-fatt, kull persuna għandha d-dritt għall-integrità fiżika u mentali, stabbilita fl-Artikolu 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandha l-ewwel post meta mqabbla ma' interessi oħra [64].

92. Madankollu, indipendentement ukoll mill-effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-persuni leżi, għandu jiġi enfasizzat li l-ġurisprudenza dwar ir-responsabbiltà tal-Istat ma hijiex ibbażata fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-persuni kkonċernati, iżda hija intiża li tiżgura l-effikaċja sħiħa tad-dritt tal-Unjoni permezz tal-protezzjoni tad-drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-individwi [65]. Għalhekk, il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni [66].

58 Sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, EU:C:2007:56), u tal-25 ta' April 2013, Hogan *et* (C-398/11, EU:C:2013:272, punti 50 sa 52).

59 Sentenza tat-8 ta' Ottubru 1996, Dillenkofer *et* (C-178/94, C-179/94 u C-188/94 sa C-190/94, EU:C:1996:375, punt 33 *et seq.*).

60 Sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807), u tal-25 ta' Marzu 2021, Balgarska Narodna Banka (C-501/18, EU:C:2021:249).

61 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, Euromin Holdings (Cyprus) (C-735/19, EU:C:2020:1014).

62 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566).

63 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807, punt 103), u tal-10 ta' Diċembru 2020, Euromin Holdings (Cyprus) (C-735/19, EU:C:2020:1014, punt 90).

64 F'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Mejju 1976, de Peijper (C-104/75, EU:C:1976:67, punt 15), tal-5 ta' Ġunju 2007, Rosengren *et* (C-170/04, EU:C:2007:313, punt 39), tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez (C-570/07 u C-571/07, EU:C:2010:300, punt 44), u tal-25 ta' Novembru 2021, Delfarma (C-488/20, EU:C:2021:956, punt 37).

65 Sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punti 31 sa 33), tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 20), u tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 54).

66 Sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 35), tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 31), tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punt 40), tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punt 18), u tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 54).

93. Konformement ma' dan l-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat ukoll li d-Direttiva dwar l-istima tal-effetti [67] għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi [68], filwaqt li t-talbiet għal kumpens jistgħu, bħala regola ġenerali, jiġu eskluzi mill-assenza ta' rabta kawżali diretta [69].

94. Barra minn hekk, dannu lis-saħħa huwa kkawżat ukoll minn danni ekonomiċi, pereżempju spejjeż mediċi jew telf ta' qligħ. Konsegwentement, waqt il-proposta tad-Direttiva 2008/50, il-Kummissjoni mhux biss enfasizzat il-konsegwenzi sanitarji tat-tniġġis tal-arja, iżda wkoll id-danni finanzjarji stmati minn EUR 189 sa 609 biljun għal kull sena sal-2020 [70]. Għall-inqas tali danni huma koperti mill-għan ta' protezzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja.

6. Iċ-ċirku tal-benefiċjarji

95. Dan premess, l-Unjoni riedet effettivament tagħti dritt lil ċerta kwalità tal-arja ċirkostanti, li l-ksur tagħha jista' jagħti lok għal kumpens, lil ċirku ftit identifikabbli ta' suġġetti potenzjali?

96. Sadanittant, fi ħdax-il proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li għaxar Stati Membri ma kinux jissodisfaw l-istandards ta' kwalità tal-arja ċirkostanti [71]. It-tmien l-iktar sentenzi reċenti jikkonstataw ukoll ksur sistematiku u persistenti tal-istandards. Attwalment, seba' proċeduri li jikkonċernaw, fost oħrajn, tliet Stati Membri oħra huma pendenti [72]. Għall-inqas fil-Belġju [73], fil-Ġermanja [74], fi Franza [75] u fir-Renju Unit [76], ir-regoli dwar il-kwalità tal-arja huma kkontestati wkoll quddiem il-qrati nazzjonali.

97. L-Istati Membri għandhom għalhekk jistennew numru kbir ta' talbiet għal kumpens minħabba ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja jekk huma jagħtu drittijiet korrispondenti. Lil hinn mir-riskji finanzjarji li jirriżultaw minnhom, it-tilwim relatat ma' tali drittijiet jista' joħloq piż kunsiderevoli fuq il-qrati tal-Istati Membri.

67 Direttiva 2011/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1).

68 Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punt 32 u 36). Ara wkoll is-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, EU:C:2004:12, punt 66), u tas-17 ta' Novembru 2016, Stadt Wiener Neustadt (C-348/15, EU:C:2016:882, punt 45).

69 Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punt 45 sa 47), ara, madankollu, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Leth (C-420/11, EU:C:2012:701, punti 50 sa 55).

70 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (COM(2005) 447 final, p. 2).

71 Sentenzi tal-10 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (PM_{10}) (C-479/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:287), tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (PM_{10}) (C-34/11, EU:C:2012:712), u tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (PM_{10}) (C-68/11, EU:C:2012:815), tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija tal-(PM_{10}) (C-488/15, EU:C:2017:267), tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (PM_{10}) (C-336/16, EU:C:2018:94), u tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limiti għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900), tat-30 ta' April 2020, Kummissjoni vs Ir-Rumanija (Qbiż tal-valuri tal-limitu għall-PM10) (C-638/18, mhux ippubblikata, EU:C:2020:334), tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Italja (Valuri limitu għall-PM_{10}) (C-644/18, EU:C:2020:895), tat-3 ta' Frar 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Valuri limitu – PM_{10}) (C-637/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:92), u tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Valuri ta' limitu - NO_2) (C-664/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:171), tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu – NO_2) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437), Il-Kummissjoni vs Franza (Valuri limitu – PM_{10}) (C-286/21, mhux ippubblikata, EU:C:2022:319).

72 Kawżi C-573/19, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM_{10}), C-730/19; Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO_2), C-125/20; Il-Kummissjoni vs Spanja (Valuri limitu – NO_2), C-70/21; Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Valuri limitu – PM_{10}), C-342/21; Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja (Valuri limitu – PM_{10}), C-633/21, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, u C-220/22, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall).

73 Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533).

74 Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447), u tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114).

75 Sentenza tal-Conseil d'Etat (Kunsill tal-Istat) tal-4 ta' Awwissu 2021, Association les Amis de la Terre France *et* (428409, FR:CECHR:2021:428409.20210804).

76 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382).

98. Madankollu, dawn l-elementi ma jimmilitawx kontra r-rikonoxximent ta' drittijiet li jistgħu jagħtu lok għal kumpens, peress li n-numru kbir ta' atturi potenzjali juri qabelxejn l-importanza ta' kwalità tal-arja iktar xierqa.

99. L-isforzi marbuta mat-talbiet għal kumpens lanqas ma jidhru manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-piż ta' din il-problema. Il-valuri tal-limiti tal-kwalità tal-arja ma humiex inkonvenjenzi minuri, iżda ħsara serja għas-saħħa li tista' tasal sal-mewt prematura [77].

100. Fl-istess ħin, iċ-ċirku tal-persuni fil-fatt ikkonċernati ma huwiex suffiċjentement estiż sabiex ikopri kważi r-residenti kollha tal-Istati Membri kkonċernati li jkunu, b'xi mod, obbligati jikkumpensaw lil xulxin reċiprokament permezz tat-taxxa. Fil-fatt, il-qbiż tal-valuri limitu jaffettwa fuq kollox ċerti kategoriji li jgħixu jew jaħdmu f'żoni partikolarment imniġġsa [78]. Ħafna drabi huma l-persuni li għandhom status soċjo-ekonomiku dgħajjef [79] li huma partikolarment dipendenti fuq protezzjoni ġudizzjarja.

101. Għal din ir-raġuni wkoll [80], huwa żbaljat li jiġi preżunt, flimkien mal-Irlanda u mal-Polonja, li r-regoli dwar il-kwalità tal-arja huma intiżi esklużivament li jipproteġu lill-pubbliku ġenerali. Għalkemm il-kwalità tal-arja għandha tiġi protetta b'mod ġenerali, il-problemi speċifiċi jqumu f'ċerti postijiet u jolqtu ċerti gruppi ta' persuni identifikabbli. Għaldaqstant, anki jekk il-persuni direttament ikkonċernati biss minn qbiż tal-valuri limitu jew riskju ta' qbiż jistgħu jinvokaw l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 [81].

102. Skont il-kunsiderazzjonijiet li għadhom kif ġew esposti, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ssuġġerixxiet, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kwalità tal-arja, il-possibbiltà ta' dritt għal kumpens taħt id-dritt tal-Unjoni [82].

7. Ir-risposta għall-ewwel domanda

103. Fil-qosor, għandu jiġi kkonstatat li l-valuri limitu ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ċirkostanti u l-obbligi ta' titjib tal-kwalità tal-arja skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 96/62, moqrija flimkien mad-Direttiva 1999/30 kif ukoll fl-Artikoli 13 u 23 tad-Direttiva 2008/50, għandhom l-għan li jagħtu drittijiet lill-individwi.

B. It-tieni domanda – Kundizzjonijiet oħra għad-dritt għal kumpens

104. It-tieni domanda hija intiża sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett l-għoti ta' dritt għal kumpens fir-rigward ta' dannu għas-saħħa. Il-qorti tar-rinviju għandha interess partikolari fid-data li fiha l-eżistenza tal-ksur tar-regoli ta' protezzjoni tal-kwalità tal-arja għandha tiġi evalwata.

77 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Unequal exposure and unequal impacts: Social vulnerability to air pollution, noise and extreme temperatures in Europe, EEA Report No 22/2018, p. 19 u 21.

78 Ara, ukoll, iktar 'il quddiem, il-punti 131 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

79 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Unequal exposure and unequal impacts: Social vulnerability to air pollution, noise and extreme temperatures in Europe, EEA Report No 22/2018, p. 19 sa 22.

80 Ara, ukoll, iktar 'il quddiem, il-punti 77 u 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

81 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 39), tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 56), kif ukoll tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 56), u fundamentalment il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* C-197/18, EU:C:2019:274, punti 41 *et seq*.).

82 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punti 54 u 55).

105. F'dan ir-rigward, għandhom jitfakkru ż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra ta' dritt għal kumpens: il-ksur tad-dritt tal-Unjoni għandu jkun suffiċjentement serju (punt 1) u għandha teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu (ara taħt 2) [83].

1. Fuq il-ksur suffiċjentement serju

106. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ksur tad-dritt tal-Unjoni huwiex suffiċjentement serju, il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet talba għall-kumpens, għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni mressqa quddiemha. Fost dawn hemm il-grad ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola miksura, il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni li r-regola miksura tħalli lill-awtoritajiet, in-natura intenzjonali jew involontarja tan-nuqqas imwettaq jew id-dannu kkawżat, in-natura skużabbli jew mhux skużabbli ta' eventwali żball ta' liġi, u l-fatt li l-aġir ta' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea seta' kkontribwixxa għall-ommissjoni, għall-introduzzjoni jew għaż-żamma ta' miżuri jew ta' prattiki nazzjonali kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni [84].

107. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa, fi kwalunkwe każ, manifestament serju meta jibqa' jeżisti minkejja li tkun ingħatat sentenza li tikkonstata n-nuqqas allegat, sentenza preliminari jew saħansitra ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam, li minnhom jirriżulta li l-aġir inkwistjoni jikkostitwixxi ksur [85].

a) Qbiż tal-valuri limitu bħala ksur serju

108. L-obbligu dwar l-osservanza tal-valuri limitu għall-PM_{10} (mill-2005) u d-diossidu tan-nitroġenu (mill-2010), li inizjalment jirriżultaw mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/62 u l-Artikolu 4 flimkien mal-Anness II u l-Artikolu 5 flimkien mal-Anness III Taqsima I Stadju 1 tad-Direttiva 1999/30 u kif irrilevat mill-11 ta' Ġunju 2010 mill-Artikolu 13(1) u l-Anness XI tad-Direttiva 2008/50, huwa ċar u ma jħalli ebda marġni diskrezzjonali lill-Istati Membri. Minn dan jista' jiġi dedott li dan il-ksur kien diġà kkaratterizzat min-natura tiegħu stess.

109. Madankollu, fis-sentenza Janecek, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tad-Direttivi 96/62 u 1999/30, li l-Istati Membri ma kinux obbligati jieħdu miżuri li ma kienu jinvolvu ebda qbiż [86]. Għalkemm is-sentenzi sussegwenti dwar dawn id-direttivi jimmilitaw favur li l-qbiż tal-valuri limitu jikkostitwixxi madankollu ksur awtonomu tad-dritt tal-Unjoni [87], xorta jibqa' l-fatt li, f'din id-data, id-Direttiva 2008/50 kienet diġà applikabbli. Għaldaqstant, il-qbiż tal-valuri limitu waqt l-applikabbiltà tad-Direttivi 96/62 u 1999/30 ma setax, waħdu, jitqies li jikkostitwixxi ksur serju tad-dritt tal-Unjoni.

83 Sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 51), tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punt 41), u tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566, punt 34).

84 Sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 56), u tad-29 ta' Lulju 2019, Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe (C-620/17, EU:C:2019:630, punt 42).

85 Sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 57), tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punt 214), tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 31), u tat-18 ta' Jannar 2022, Thelen Technopark Berlin (C-261/20, EU:C:2022:33, punt 47).

86 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 44).

87 Ara iktar 'il fuq, il-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

110. Madankollu, is-sentenza Janecek tikkonferma l-obbligu, ukoll ċar u inkundizzjonat, li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62[88]. Dan l-obbligu huwa marbut mill-qrib mal-qbiż tal-valuri limitu, peress li dan ma huwiex jew, tal-inqas imminimizzat, jekk l-Istat Membru jkun ħa miżuri suffiċjenti sabiex inaqqas it-tniġġis tal-arja, jew qabel jew matul l-applikabbiltà tal-valuri limitu.

111. Id-Direttiva 2008/50 tirrifletti wkoll b'mod ċar din ir-rabta, peress li l-obbligu li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont l-Artikolu 23 tagħha jiskatta bil-qbiż tal-valuri limitu stabbiliti fl-Artikolu 13 fl-Anness XI.

112. Minn dan niddeduċi li, kemm skont id-direttivi preċedentement fis-seħħ kif ukoll fid-Direttiva 2008/50, qbiż tal-valuri limitu ta' kwalità tal-arja ċirkostanti, fl-assenza ta' pjan ta' eliminazzjoni tal-qbiż korrispondenti, jikkostitwixxi ksur serju tad-dritt tal-Unjoni li jista' jagħti lok għal kumpens.

b) Kwalità tal-pjanijiet

113. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Polonja, l-eżistenza stess ta' pjan ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż ksur serju. Għall-kuntrarju, kif issostni l-Italja, pjan ma għandux ikollu lakuni evidenti sabiex jiġi eskluż li l-ksur tal-valuri limitu jiġi kkwalifikat.

114. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi stabbilit jekk l-awtoritajiet kompetenti osservawx ir-rekwiżiti tat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50 jew tal-Anness IV tad-Direttiva 96/62. Huwa biss jekk pjan huwa marbut mal-informazzjoni prevista fih li jista' jiġi evalwat jekk dan huwiex ta' natura li jtemm il-qbiż jew sakemm għandu jintemm il-qbiż[89].

115. Madankollu, anki jekk ir-rekwiżiti formali kollha ġew osservati, ksur tal-valuri limitu jista' jkun suffiċjentement serju fil-każ fejn il-pjan ma jissodisfax manifestament ir-rekwiżiti sostantivi, minħabba ksur, mill-awtoritajiet kompetenti, tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom[90]. B'mod partikolari, tali nuqqasijiet jistgħu jikkonsistu kemm fil-fatt li t-tul previst tal-qbiż ma huwiex manifestament "kemm jista' jkun qasir", kif ukoll li l-mezzi ta' rimedju huma evidentament inadegwati. Huwa wkoll possibbli li l-pjanijiet ikunu bbażati fuq punti ta' kampjunament li manifestament ma jkunux f'pożizzjoni tajba[91] jew fuq immudellar ta' kalkolu żbaljat, b'tali mod li l-portata reali tal-qbiż tal-valuri limitu ma tittieħidx inkunsiderazzjoni.

116. L-eżami ta' dawn ir-rekwiżiti jaqa', fil-kawża prinċipali, taħt il-qrati nazzjonali. B'dan il-mod, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li, waqt l-eżami tal-prorogi tat-termini skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50, il-Kummissjoni diġà ċaħdet il-pjanijiet ippreżentati minn Franza, fost oħrajn, għall-agglomerazzjoni ta' Pariġi[92]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li bejn il-11 ta' Ġunju 2010 u s-16 ta' April 2017, ir-Repubblika Franċiża evidentament ma ħaditx il-miżuri adegwati fi żmien xieraq għal din l-agglomerazzjoni, fost

88 Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 35, 39 u 41). Ara wkoll is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punti 53 u 56).

89 Ara, iktar 'il fuq, il-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

90 Ara sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 46), u tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 105). Ara wkoll is-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404, punt 59), tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punti 34 u 45), kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* (C-197/18, EU:C:2019:824, punti 31 u 72).

91 Ara, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punti 43 sa 45).

92 Ara, iktar 'il fuq, il-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

oħrajn, sabiex il-perijodu tal-qabża tal-valuri limitu għad-diossidu tan-nitroġenu jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli [93]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dalwaqt dwar is-sitwazzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-PM_{10} [94].

c) Perijodu rilevanti

117. Ir-rabta bejn ksur serju tal-valuri limitu u l-pjan ta' eliminazzjoni tal-qbiż jimplika li l-perijodi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat id-dritt għal kumpens għandhom jiġu ddeterminati fid-dawl ta' dan il-pjan. Fil-fatt, kull perijodu li matulu valur limitu jkun inqabeż fin-nuqqas ta' pjan suffiċjenti huwa perijodu li matulu l-Istat Membru kkonċernat kiser, b'mod serju, ir-regoli dwar il-kwalità tal-arja.

118. Fir-rigward tal-kawża prinċipali, jiġifieri l-agglomerazzjoni ta' Pariġi, id-data rispettiva ta' applikazzjoni tal-valuri limitu tirriżulta, fl-assenza ta' proroga tat-terminu rilevanti skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50, mill-Anness XI, li huwa, f'dan ir-rigward, identiku għad-Direttiva 1999/30, preċedentement fis-seħħ. Għalhekk, il-valuri limitu għall-PM_{10} ilhom applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005 u, għad-diossidu tan-nitroġenu, mill-1 ta' Jannar 2010.

119. Min-naħa l-oħra, l-obbligu li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50, tnissel biss fl-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, fil-11 ta' Ġunju 2010.

120. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu(3)(1) tad-Direttiva 2008/50, dawn il-pjanijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u mhux iktar tard minn sentejn wara t-tmiem tas-sena li matulha jkun ġie kkonstatat l-ewwel qbiż. Minn dan, Stati Membri intervenjenti differenti jiddeduċu li l-obbligu li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja daħal fis-seħħ biss fl-iskadenza ta' dan it-terminu addizzjonali.

121. Din il-pożizzjoni hija korretta fir-rigward tal-qbiż tal-valuri limitu, li seħħ għall-ewwel darba wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/50.

122. Qbiż li kien diġà jeżisti fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni kien suġġett għall-obbligi preċedentement applikabbli taħt l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62 flimkien mal-valuri limitu u l-marġini ta' diskrezzjoni tad-Direttiva 1999/30. Dawn id-dispożizzjonijiet ħolqu obbligu li huwa komparabbli mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50 iżda li jmur lil hinn f'termini ta' żmien [95]. Hija kienet diġà applikabbli qabel l-applikazzjoni tal-valuri limitu ladarba dawn jinqabżu, miżjuda bil-marġni ta' tolleranza.

123. L-Artikolu 11(1)(a)(iii) tad-Direttiva 96/62 ipprovda wkoll limitu temporali ta' sentejn għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet. Madankollu, dawn il-pjanijiet kellhom jiggarantixxu li l-valuri limitu kienu osservati fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom, u għaldaqstant li jkunu diġà effettivi f'dik id-data.

93 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-Valuri Limiti għad-Diossidu tan-Nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900, punt 89).

94 Sentenza tat-28 ta' April 2022, Il-Kummissjoni vs Franza (Valuri limitu – PM_{10}) (C-286/21, mhux ippubblikata, EU:C:2022:319, punt 77).

95 Ara, iktar 'il fuq, il-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

124. Minn dan isegwi li l-Istati Membri kienu diġà obbligati jfasslu l-pjanijiet neċessarji meta valuri limitu kienu nqabżu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/50. Jidher li din hija s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali, peress li Franza talbet mingħajr suċċess lill-Kummissjoni estensjonijiet tat-terminu għall-PM_{10} u għad-diossidu tan-nitroġenu għall-agglomerazzjoni ta' Pariġi [96], jiġifieri l-qbiż tal-valuri limitu. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dan.

d) Konklużjoni intermedja

125. Ksur serju tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, previsti fl-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 96/62, tad-Direttiva 1999/30 kif ukoll fl-Artikoli 13 u 23 tad-Direttiva 2008/50, ikopri kull perijodu li matulu l-valuri limitu applikabbli nqabżu, mingħajr ma kien hemm pjan ta' titjib tal-kwalità tal-arja ċirkostanti li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IV tad-Direttiva 96/62 jew tat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50, u lanqas lakuni manifesti oħra.

2. Fuq ir-rabta kawżali diretta

126. Id-diffikultajiet reali marbuta mal-infurzar ta' talbiet ta' kumpens huma marbuta mad-dimostrazzjoni ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur serju tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kwalità tal-arja u d-dannu għas-saħħa konkret.

127. Bħala prinċipju, l-obbligu tal-persuna leża li tistabbilixxi b'mod suffiċjenti fid-dritt il-portata tad-dannu mġarrab wara ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa kundizzjoni preliminari għar-responsabbiltà tal-Istat għal dawn id-danni [97].

128. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw il-livell eżatt ta' prova. Huma għandhom jivverifikaw jekk id-dannu allegat jirriżultax b'mod suffiċjentement dirett mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Istat Membru [98], iżda għandhom josservaw il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [99]. Sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdilha l-indikazzjonijiet kollha li hija tqis li huma neċessarji [100].

129. Att jew, bħal fil-każ ta' insuffiċjenza ta' miżuri ta' titjib tal-kwalità tal-arja, ommissjoni, ikun ta' natura kawżali biss jekk id-dannu mġarrab jista' jkun direttament imputabbli għal dan l-att. Ir-rabta kawżali meħtieġa hija nieqsa meta d-dannu jkun seħħ anki fl-assenza tal-att jew tal-ommissjoni inkwistjoni [101].

96 Ara, iktar 'il fuq, il-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

97 Sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Balgarska Narodna Banka (C-501/18, EU:C:2021:249, punt 122).

98 Sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 65), tal-20 ta' Ottubru 2011, Danfoss u Sauer-Danfoss (C-94/10, EU:C:2011:674, punt 34), u tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punt 106).

99 Sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2011, Danfoss u Sauer-Danfoss (C-94/10, EU:C:2011:674, punt 36), bħal f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 64), u tal-5 ta' Ġunju 2014, Kone *et* (C-557/12, EU:C:2014:1317, punt 24).

100 Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, Danfoss u Sauer-Danfoss (C-94/10, EU:C:2011:674, punt 35).

101 F'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2004, Van den Berg vs il-Kunsill u il-Kummissjoni (C-164/01 P, EU:C:2004:665 P, punt 57).

130. Huwa minnu li l-valuri limitu għall-PM_{10} u għad-diossidu tan-nitroġenu huma bbażati fuq l-ipoteżi ta' ħsara serja li tirriżulta mit-tniġġis tal-arja, b'mod partikolari l-mewt prematura [102]. Madankollu, dan il-fatt ma jistabbilixxix li t-tbatija li jbatu minnha ċerti persuni hija dovuta għal qbiż tal-valuri limitu u għal pjanijiet difettużi dwar il-kwalità tal-arja. Fil-fatt, din it-tbatija tista' tkun dovuta wkoll għal kawżi oħra, bħal predispożizzjoni jew l-imġieba personali, pereżempju t-tipjip. Sadanittant, sa fejn l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa issa tirrakkomanda valuri limiti iktar stretti [103], ma jistax jiġi eskluż li, minkejja l-osservanza tad-Direttiva 2008/50, l-arja tkun suffiċjentement imniġġsa sabiex tikkawża tali mard.

131. Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta, il-vittma għandha għalhekk turi, l-*ewwel*, li kienet irrisjediet matul perijodu twil biżżejjed f'ambjent li fih inkisru l-valuri limiti ta' kwalità tal-arja ċirkostanti b'mod serju fid-dritt tal-Unjoni. It-tul ta' dan il-perijodu huwa kwistjoni medika li teħtieġ tweġiba xjentifika.

132. Tali residenza għandha, fi kwalunkwe każ, tkun tista' tirriżulta, b'mod partikolari, mill-post tax-xogħol jew mir-residenza, iżda wkoll minn postijiet oħra fejn spiss wieħed ikun irrisjeda għal perijodu twil.

133. Madankollu, ma huwiex biżżejjed li wieħed ikun irrisjeda f'agglomerazzjoni jew f'żona fejn il-valuri limitu nqabżu f'punt wieħed jew iktar ta' kampjunament. Fil-fatt, ċerti punti ta' teħid ta' kampjuni għandhom jiġu installati b'mod li jipprovdu informazzjoni dwar it-tniġġis taż-żoni l-iktar imniġġsa [104]. Għalhekk, jeżistu wkoll, f'tali agglomerazzjonijiet jew żoni, diversi postijiet fejn l-arja hija inqas imniġġsa u fejn ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni huma osservati.

134. Għaldaqstant, il-persuna leża għandha turi konkretament li l-valuri limitu nqabżu fil-post ta' residenza allegat u matul il-perijodi invokati. Madankollu, fin-nuqqas ta' punt ta' kampjunament fuq il-post ta' residenza inkwistjoni, għandu jkun possibbli li tiġi ddeterminata l-portata tat-tniġġis permezz ta' mmudellar ta' kalkolu, peress li l-Istati Membri huma wkoll awtorizzati jirrikorru għal dan l-istrument [105]. Għalhekk, l-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent tikkunsidra li l-parti tal-popolazzjoni urbana li tgħix f'żona ta' 100 metru madwar toroq kbar hija suġġetta għal piż żejjed tal-inkwinanti fil-każ li jinqabżu l-valuri limitu fl-agglomerazzjoni kkonċernata [106].

135. It-*tieni*, il-persuna li tixtieq tikseb danni minħabba t-tniġġis tal-arja għandha, fuq kollox, tipprova dannu li jista' wkoll ikun marbut mat-tniġġis tal-arja korrispondenti.

136. U, it-*tielet*, il-persuna leża għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn l-imsemmija residenza fil-post fejn valur limitu għall-kwalità tal-arja ċirkostanti jkun inkiser b'mod serju u d-dannu invokat.

[102] Proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2005 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja u arja iktar nadifa għall-Ewropa (KUMM(2005) 447 finali, p. 2). Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2016:862, punti 2 u 3) kif ukoll il-Kawża Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:168, punti 53).

[103] Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija, WHO global air quality guidelines: particulate matter ($PM_{2.5}$ and PM_{10}), ozone, nitrogen dioxide, sulfur dioxide and carbon monoxide. Executive summary, Genève; 2021.

[104] Ara, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 43), dwar l-ewwel inċiż tal-punt 1(a) tat-Taqsima B tal-Anness III tad-Direttiva 2008/50. Il-punt(a)(i) tat-Taqsima I tal-Anness VI tad-Direttiva 1999/30 diġà kien fih l-istess rekwiżiti.

[105] Ara s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 62), l-Artikolu 6 tad-Direttiva 96/62, l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 1999/30 u l-premessi 6, 7 u 10 tad-Direttiva 2008/50.

[106] L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Exceedance of air quality standards in Europe", https://www.eea.europa.eu/ims/exceedance-of-air-quality-standards, aċċessat fl-1 ta' Marzu 2022. Skont dan ir-rapport, fl-2019, 10 % tal-popolazzjoni urbana kienet, fi ħdan l-Unjoni u fir-Renju Unit, suġġetta għal piż eċċessiv għall-PM_{10}, filwaqt li, fir-rigward tad-diossidu tan-nitroġenu, din ir-rata kienet ta' 3 %.

137. Dan jeħtieġ regolarment opinjonijiet mediċi, li għandhom ċertament jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll bażijiet xjentifiċi għall-iffissar tal-valuri limitu u tar-rakkomandazzjonijiet, parzjalment iktar stretti, tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

138. Huwa possibbli li din il-prova tiġi ffaċilitata minn preżunzjoni konfutabbli li ħsara għas-saħħa tipiku, fil-każ ta' soġġorn ta' tul suffiċjenti f'ambjent li fih valur limitu jkun inqabeż, huwa attribwibbli għal dan il-qbiż. Għalhekk, fil-każ ta' tniġġis tal-arja ferm iktar gravi, il-Qorti EDB iddeduċiet, minn qbiż tal-valuri limitu u ta' indizji serji oħra, preżunzjoni ta' dannu [107]. Għal tali tnaqqis tal-oneru tal-prova, il-persuna leża tkun tista' tinvoka l-prinċipju ta' effettività jekk prova sħiħa tagħmel eċċessivament diffiċli l-kisba ta' danni, bl-esklużjoni ta' kull dubju raġonevoli.

139. Madankollu, ma jidhirlix li huwa xieraq li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, fil-kuntest ta' din il-proċedura, jekk tali preżunzjoni tirriżultax mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mir-regoli dwar il-kwalità tal-arja ċirkostanti. Fil-fatt, sal-lum, la t-talba għal deċiżjoni preliminari u lanqas il-partijiet ikkonċernati għadhom ma qajmu din il-kwistjoni. Madankollu, l-adozzjoni ta' tali preżunzjoni teħtieġ diskussjoni intensiva tal-bażijiet xjentifiċi li jippermettu li tiġi identifikata rabta kawżali bejn it-tniġġis tal-arja u d-danni għas-saħħa.

140. Ċerti intervenjenti jenfasizzaw, barra minn hekk, li r-rikorrent beda bi problemi tas-saħħa sa mill-2003, jiġifieri qabel ma ġie applikat il-valur limitu għall-PM_{10} Madankollu, dan ma jeskludix li, minħabba t-tniġġis tal-arja, huwa ġarrab dannu addizzjonali, li l-istat tiegħu mar għall-agħar, jew li l-fejqan ġie impedit jew imdewwem. Fi kwalunkwe każ, tali effetti ta' ksur tal-valuri limitu jistgħu jkunu mistennija, peress li t-tniġġis tal-arja ħafna drabi jkabbar l-effetti ta' problemi tas-saħħa eżistenti [108]. Din il-kwistjoni hija wkoll ta' natura xjentifika u għandha tiġi eżaminata każ b'każ mill-qorti nazzjonali.

141. Fl-aħħar lok, għandu jiġi rrilevat li l-prova ta' rabta diretta bejn ksur serju tal-valuri limitu u dannu għas-saħħa ma jfissirx madankollu li kien it-tmiem tal-kwistjoni. Għall-kuntrarju, l-Istat Membru jista' jeżonera ruħu billi juri li dan il-qbiż kien iseħħ ukoll kieku huwa kien adotta fi żmien xieraq pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

3. Ir-risposta għat-tieni domanda

142. Fil-qosor, dritt għal kumpens għal ħsara għas-saħħa minħabba qbiż tal-valuri limitu ta' inkwinanti fl-arja ċirkostanti, skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 96/62, moqrija flimkien mad-Direttiva 1999/30 jew mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50, jippreżumi li l-persuna leża turi l-eżistenza ta' rabta diretta bejn dan il-ksur u r-residenza tagħha f'post fejn il-valuri limitu applikabbli nqabżu, mingħajr ma jkun hemm pjan ta' titjib tal-kwalità tal-arja li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Anness IV jew tad-Direttiva 96/62. It-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50 kien suffiċjenti u lanqas ma kellu lakuni manifesti oħra.

[107] Sentenza tal-Qorti EDB tad-9 ta' Ġunju 2005, Fadeyeva vs Ir-Russja (55723/00, CE:ECHR:2005:0609JUD005572300, punti 87 u 88).

[108] L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Unequal exposure and unequal impacts: Social vulnerability to air pollution, noise and extreme temperatures in Europe, EEA Report Nr. 22/2018, p. 19 sa 21.

V. Konklużjoni

143. Għalhekk, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-talba għal deċiżjoni preliminari kif ġej:

1) Il-valuri limitu ta' inkwinanti fl-arja ċirkostanti u l-obbligi għat-titjib tal-kwalità tal-arja, previsti fl-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti, moqrija flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f' partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali, kif ukoll fl-Artikoli 13 u 23 tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, għandhom l-għan li jikkonferixxu drittijiet lill-individwi.

2) Dritt għal kumpens minħabba dannu għas-saħħa li jirriżulta minn qbiż tal-valuri limitu ta' inkwinanti fl-arja ċirkostanti, skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 96/62 moqrija flimkien mad-Direttiva 1999/30 jew tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50, jippreżupponi li l-persuna leża tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta diretta bejn dan id-dannu u r-residenza tagħha f'post fejn il-valuri limitu applikabbli nqabżu, mingħajr ma jkun hemm pjan ta' titjib tal-kwalità tal-arja li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Anness IV tad-Direttiva 96/62 jew tat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50 u li lanqas ma kellu lakuni manifesti oħra.